**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Novembru, 2023**

Rikors Numru: 406/23 AL

A B

vs

C D E B

(M.R. Numru 297/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Il-Partijiet iżżewġu fl-erbgħa (4) ta' April tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), kif jirrizulta mic-Certifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok 'A', u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal ossia F B, illi llum huwa maġġorenni ta' wieħed u għoxrin (21) sena, u D B li twieled fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li llum għadu minorenni ta' erbatax (14) il-sena.

2. Il-Partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Elena Farrugia fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.

3. Ma hemm ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar sentejn (2) mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu;

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat l-affidavit bix-xiehda ta’ A B;

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta’ Lulju 2023;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wieġbet li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.